# L-Għaqda Mużikali San Ġużepp – L-Istorja Tagħha
## (it-tieni parti)

Is-Sur Harry Zammit Cordina
*President Onorarju*

Fl-ewwel parti tal-istorja tas-Soċjetà Mużikali San Ġużepp tal-Ħamrun li dehret fil-programm tal-festa ta' San Gejtanu tas-sena l-oħra, konna tajna ħjiel dwar it-twaqqif ta' din l-ewwel banda Ħamruniża, dwar l-isem tas-Soċjetà, l-ewwel presidenti tagħha, il-banda San Ġużepp taħt it-tmexxija tal-ewwel surmast tagħha Maestro Carmelo Doneo, id-dar tas-Soċjetà, is-surmast Antonio Miruzzi, u tat-Tamal u tal-Miskina.

Ser nibdew din it-tieni parti billi nagħtu ftit tagħrif dwar il-każin preżenti, liema binja għaddiet għand is-Soċjetà Mużikali San Ġużepp fis-sena 1899.

Is-Soċjetà kienet diġà tinsab f'dar oħra li tagħti għat-Triq il-Kbira meta akkwistat id-dar fejn illum insibu s-Civic Club. Iżda l-Kumitat kien iħoss li din id-dar ma kellhiex l-ispazju neċessarju għall-każin tal-banda. Il-Kumitat xeħet għajnejh fuq dar kbira quddiem il-Knisja Parrokkjali, dar li fiha kien jgħammar it-tabib Carbone.

Wara ħafna taħbit u ħidma intensiva l-Kumitat irnexxielu jieħu f'idejh din id-dar li, jekk għal xejn, tgawdi l-aqwa pożizzjoni fil-Ħamrun aħseb u ara għall-kobor u l-ġmiel tagħha llum meta rat diversi alterazzjonijiet strutturali f'dawn l-aħħar 113-il sena lis-Soċjetà ilha tokkupa.

Id-diversi kumitati li mexxew lis-Soċjetà kienu dejjem konxji mill-potenzjal tal-Każin u sa mill-bidu deher tkabbir fin-numru tas-soċji kif

ukoll tal-allievi li issa setgħu jingħataw aktar lezzjonijiet tal-mużika.

L-ewwel bidla strutturali saret fl-1930 meta fuq is-sala tal-billiards inbniet sala li bdiet tintuża bħala *music hall* attrezzata b'żewġ arkivji artistiċi magħmulin mill-kewba mastizz.

Fis-sena 1936 tneħħa għal kollox il-ġnien u fuqu nbniet sala spazjuża msaqqfa b'tinda tal-ħġieġ oħxon ikkulurit. Is-sala kienet tesa' madwar 400 siġġu u kienet tintuża bħala teatru u sservi għall-akkademji mużikali u letterarji, ballijiet, riċevimenti, kunċerti, tombli u funzjonijiet soċjali oħrajn. Taħt l-istess sala sar sotterran kbir li kien jintuża għal tim tal-*football*, bħala *gymnasium*, bħala ċinema u anki bħala store kif ukoll għal xi ħidmiet oħrajn skont iċ-ċirkostanzi. Hawn ta' min jgħid li matul is-snin tat-Tieni Gwerra Dinjija l-ħġieġ li kien jgħatti din is-sala kien tneħħa minħabba ħsara li setgħet issirlu sakemm reġa' tqiegħed wara li għaddiet il-gwerra.

Żewġ tibdiliet strutturali oħra seħħew fl-1952 u fl-1980. Meta l-ħidmiet soċjali u rikreattivi jibdew jiżdiedu, tiżdied dejjem il-ħtieġa tat-tkabbir tal-lokal. Hekk ġara fl-1952 meta nħasset il-ħtieġa li jinbena sular ieħor. Dan is-sular jikkonsisti f'żewġ swali kbar mifrudin b'erba' kolonni. Is-swali jservu għall-iskola tal-mużika, għall-kuncerti kif ukoll għal xi armar tal-festa ta' San Gejtanu u għal xi okkażjonijiet oħra. Ta' min jgħid li fis-sena 2010 nħasset il-ħtieġa li jinbidlu s-soqfa kollha ta' din is-Sala.

L-aħħar tibdil strutturali, cioè dak li beda fl-1980 kien jirrigwarda s-sala t'isfel li rat it-tneħħija tat-tinda tal-ħġieġ. Minflok il-ħġieġ inbena saqaf b'suffett dekorat u b'dawl ikkulurit. Fuq inbena terrazzin arjuż ideali għar-riċevimenti u attivitajiet oħrajn għall-apert.

Dan it-tibdil strutturali fis-sede tas-Soċjetà sar bil-ħidma, bil-għaqal, bit-tħabrik u bid-dehen ta' ħafna amministraturi megħjuna minn xi benefatturi u voluntieri li kellhom għal qalbhom l-interessi tas-Soċjetà.

## Il-Banda San Ġużepp fl-ewwel 25 sena tagħha

Fl-ewwel 25 sena tagħha, mill-1889 sal-1914, il-Banda San Ġużepp wettqet ħafna servizzi f'diversi bliet u rħula Maltin. Is-servizzi kienu jew ta' okkażjoni festiva jew ta' kommemorazzjoni. Minħabba l-isem tajjeb tal-Banda dawn is-servizzi kienu dejjem jiżdiedu.

Hawn tajjeb li wieħed jgħid li dak iż-żmien l-għadd ta' baned ma kienx daqs dak li niltaqgħu miegħu llum. Terġa', minbarra l-festi titulari li f'diversi lokalitajiet kienu jieħdu sehem bejn tlieta jew erba' baned, kien hemm ukoll għadd kbir ta' festi sekondarji. Barra minn hekk dan kien perjodu li minbarra l-festi titulari u sekondarji kien hemm dimonstrazzjonijiet reliġjużi, fieri ta' beneficenza, żjarat ta' personalitajiet distinti, manifestazzjonijiet nazzjonali u kommemorazzjonijiet marbutin ma' ġrajjiet memorabbli tal-Ħamrun jew ta' Malta. B'hekk nistgħu ngħidu li l-Banda San Ġużepp kienet tkun impenjata kważi f'kull *week-end*. Jekk kien ikun hemm xi ħadd li ma tkunx impenjata allura l-Banda kienet ittella' kunċert fi Pjazza San Pawl għal ħafna Ħamruniżi li kienu jinġabru fl-istess misraħ.



*Il-Banda fil-bidu tas-seklu dsatax*

Kif kellna l-opportunità ngħidu fl-ewwel parti ta' din l-istorja, l-ewwel impenn tal-Banda San Ġużepp kien appuntu għall-festa ta' San Gejtanu. Naturalment kien hemm ukoll servizz għall-festa tal-patrun tagħha San Ġużepp u anki daqqet fuq il-bankina ħdejn il-knisja ta' Nuzzu għall-festa sekondarja tal-Porto Salvo tal-1905. Jingħad li bħala regola l-Banda San Ġużepp ma kinitx titlob remunerazzjoni għal servizzi fil-Ħamrun. Jingħad ukoll li l-kappillan ta' dak iż-żmien, Dun Fortunat Valletta kien jagħmel xi donazzjoni ta' nofs lira għall-ispejjez tal-banda.

Mhix daqstant faċli li wieħed jelenka l-ħafna servizzi li kellha l-Banda San Ġużepp f'dan il-perjodu tal-ewwel 25 sena tagħha għalkemm wieħed iħoss li hemm xi wħud minnhom li jinqalgħu minn oħrajn minħabba l-importanza tagħhom.

F'Marzu 1896 sar *meeting* fuq il-fosos tal-Furjana bħala protesta kontra ż-żwieġ ċivili li ried idaħħal il-Gvern Kolonjali. Wara saret dimostrazzjoni sal-Palazz tal-Arċisqof li fiha ħadu sehem kważi l-baned kollha b'turija ta' rispett u solidarjetà mar-Ragħaj Spiritwali.

F'April, 1986, il-Banda San Ġużepp laqgħet lill-Kappillan il-ġdid Dun Giakkinu Grech. Dakinhar il-banda daqqet il-marċ "Un Saluto al Hamrun" tas-surmast Carmelo Doneo.

Fl-istess sena, il-komunità Dumnikana tal-Birgu għamlet festi kbar ad unur tal-fundatur tagħha San Duminku fejn il-Banda San Ġużepp kienet waħda mit-tmien baned mistiedna.

Wara ż-żewġ programmi li għamlet il-Banda San Ġużepp għall-festa tal-Kunċizzjoni f'Bormla fis- 7 u 8 ta' Diċembru 1897 naraw li l-Banda San Ġużepp tieħu sehem fil-Belt Valletta flimkien maż-żewġ baned tal-belt u l-Vilhena tal-Furjana fl-okkażjoni tal-aħbar li l-bliet ta' Mafeking u Ladysmith fil-gwerra tal-Boeri ġew meħlusa. Dakinhar dawk l-erba'

baned immarċjaw fi Strada Rjali fejn sellmu lill-Gvernatur Francis Grenfell fil-gallarija tal-Palazz.

Fil-25 ta' Marzu 1901 żaru Malta, id-Duka u d-Dukessa ta' York. Il-Banda San Ġużepp kienet ix-xatt flimkien ma' seba' baned oħra li sellmu lil din il-Koppja Rjali.

Ma jistax jonqos li ma tissemmiex ukoll il-ġrajja memorabbli meta fl-istess sena 1901, il-Banda San Ġużepp esegwiet għall-ewwel darba lejliet il-festa ta' San Gejtanu "l'Inno a San Gaetano" kompożizzjoni tas-surmast tagħha Antonio Miruzzi. L-esekuzzjoni tal-innu tant intlaqgħet tajjeb mill-pubbliku preżenti li fost l-applawsi kbar kien hemm ukoll ix-xewqa ta' ripetizzjoni. Ma kenitx ħaġa ħafifa għall-bandisti, is-solisti u għas-surmast li tirreplika innu ta' aktar minn 25 minuta wara li qabel l-istess innu kien hemm erba' siltiet mużikali oħra. Iżda l-għajta tal-pubbliku ġiet milqugħa. Wara t-tieni esekuzzjoni, is-Surmast Miruzzi kien irregalat b'taljakarti u kartiera tal-fidda. Il-preżentazzjoni saret mill-bandist Ġanni Sciberras f'isem il-bandisti.

Fl-1902, il-Banda San Ġużepp marret ix-xatt biex tilqa' lura Malta lill-Banda La Valette wara li din kellha impenn f'Catania. Iż-żewġ baned wara mmarċjaw lejn il-Każin La Valette bil-Banda San Ġużepp timxi quddiem. Kienet laqgħa mill-isbaħ li wriet biċ-ċar ir-relazzjonijiet tajbin li dejjem eżistew bejn dawn iż-żewġ soċjetajiet mużikali.

Fl-istess sena, il-Banda San Ġużepp għamlet bħal baned lokali l-oħra u dawk tas-servizzi Ingliżi meta daqqet programm fi Pjazza San Pawl fl-okkażjoni tal-inkurunazzjoni tar-Re Dwardu VII. Is-sena ta' wara l-istess Re Dwardu kien Malta biex ipoġġi l-ewwel ġebla tal-breakwater. Fi triqtu minn San Anton għall-belt, waqt li r-Re kien għaddej mill-Ħamrun il-Banda San Ġużepp sellmitlu bid-daqq tal-God Save the King.

Waslet is-sena 1905 u hawn insibu li l-Banda San Ġużepp ħarġet għall-ewwel darba minn pajjiżna meta aċċettat stedina mill-Comune di Siracusa fejn wettqet programm.

Il-Banda San Ġużepp, dejjem taħt it-tmexxija impekkabbli tas-surmast Antonio Miruzzi esegwiet programm kolossali fi Pjazza San Ġorġ il-Belt fl-okkażjoni tal-festa ta' San Duminku tal-1907.

Diversi impenji u aktar suċċessi għall-Banda San Ġużepp segwew fis-snin ta' wara. Dawn kienu minbarra dawk is-servizzi li kienet tagħmel fi bliet u rħula għall-festi titulari. Fil-qosor ta' min ifakkar li fis-6 ta' Ġunju 1909 saret fiera kbira fil-ġonna tal-Argotti b'risq is-Soċjetà San Vinċenz de Paule tal-Ħamrun, liema Soċjetà kienet tieħu ħsieb id-dar tax-xjuħ li llum titmexxa mil-Little Sisters of the Poor.

Flimkien mal-Banda San Gejtanu, il-Banda San Ġużepp ħadet sehem f'dimostrazzjoni ta' trijonf għall-Prokoratur Legali F. Azzopardi li kien ġie elett għall-Kunsill tal-Gvern. Fl-istess sena, dik tal-1909 il-Banda San Ġużepp kienet mistiedna biex tiftaħ il-festi tas-seba' ċentinarju tal-Ordni San Franġisk fil-Belt.

Nhar id-9 ta' Ottubru 1910, insibu lill-Banda La Valette tieħu sehem mal-Banda San Ġużepp waqt fiera kbira fl-Argotti b'risq is-Società Mutuo Soccorso San Giuseppe, Ħamrun. Jingħad li għal din l-okkażjoni, kemm il-ġonna kif ukoll il-Mall kienu mżejna b'dawk elettriku li kienet novità kbira għal dak iż-żmien. Din is-serata kienet suċċess kbir kemm għall-programmi mużikali kif ukoll għall-introjtu tajjeb li kompla saħħaħ il-fondi tas-Soċjetà Mutuo Soccorso.

Tnejn u għoxrin banda ħadu sehem fl-inkurunazzjoni tar-Re Ġorġ V fis-sena 1910. Il-Banda San Ġużepp immarċjat mill-Furjana sal-Palazz il-Belt. Dakinhar filgħaxija esegwit programm fi Pjazza Regina.

F'April 1913, il-Banda San Ġużepp sellmet bl-Inno Pontificio lill-Kardinal Ferrata minn quddiem il-każin tagħha hekk kif id-delegat tal-Papa kien għaddej minn Triq il-Kbira San Ġużepp fl-okkażjoni tal-XXIV Kungress Ewkaristiku.

Fis-sena 1914 kien jaħbat il-25 anniversarju tal-Banda San Ġużepp. Għal dan il-ġublew tal-fidda s-Soċjetà Mużikali San Ġużepp minbarra li stiednet diversi baned barranin, fl-ewwel jum tat-tridu tal-festa ta' San Gejtanu għamlet marċ *alla Veneziana* mill-Blata l-Bajda sal-każin. Is-Sibt, lejliet il-festa għamlet programm kbir ħdejn il-knisja u l-għada l-marċ tradizzjonali ta' filgħodu. Il-Banda La Valette għalqet il-festi ġubilarji. Dakinhar tat-18 ta' Awwissu, minkejja li l-ewwel gwerra dinjija kienet bdiet xi tliet ġimgħat qabel, il-Kumitat organizza xalata kbira bil-karrozzini għal San Pawl il-Baħar biex inżammet it-tradizzjoni li kienet inbdiet mill-president Gavino Portelli fl-1896.

Semmejna l-ewwel gwerra dinjija. Malta ma ratx attakki la mill-ajru u lanqas mill-baħar għalkemm il-gwerra bdiet tinħass minn aspetti oħra fosthom nuqqas ta' ikel u l-għoli tal-ħajja. F'dawk iż-żminijiet Malta kienet qed tilqa' fi ħdanha ħafna feruti mid-Dardanelli tant li bdiet tissejjaħ l-Infermiera tal-Mediterran. L-Istitut Vincenzo Bugeja kien wieħed mill-isptarijiet li laqgħu fihom lill-feruti. Il-Banda San Ġużepp ta' spiss kienet tesegwixxi kunċerti f'dan l-isptar. Mhux hekk biss, imma l-Kumitat kien ħatar kummissjoni biex torganizza festini fl-istess sptar waqt li l-istess feruti kienu jiġu mistiedna l-każin u mħeġġa biex jieħdu parti fir-rikreazzjonijiet li kienu jinżammu fil-każin. B'konnessjoni ma' dan, Joseph Mifsud Matrenza, il-kittieb tal-istorja tal-Każin San Ġużepp, f'kitba oħra li kien ippubblika f'wieħed mill-programmi tal-festa ta' San Gejtanu kien qal li wieħed mill-feruti li kien ġie l-każin waqt dawn iċ-ċirkustanzi kien Clement Attlee, li wara sar Prim Ministru tar-Renju Unit.

Sentejn mill-bidu tal-gwerra, fit-3 ta' Awwissu 1916, il-Gvernatur Lord Metheun kien ordna ċelebrazzjonijiet biex iqawwi l-moral tal-poplu u tas-suldati. Il-Banda San Ġużepp flimkien ma' baned oħrajn immarċjat bl-istandard tagħha mill-Furjana sal-Palazz. Nhar il-11 ta' Novembru 1918 xterdet l-aħbar li l-gwerra spiċċat. Id-delegati tal-Banda San Ġużepp għaqdu banda malajr, ħarġu l-istandardi u bdew idoqqu quddiem il-każin fejn inġabret folla kbira li ssieħbet fl-atmosfera tal-briju, kant u żfin biex tiċċelebra t-tmiem tal-gwerra. F'Mejju tal-1919, il-Gvernnatur Metheun ordna ċelebrazzjonijiet tal-paċi u bħalma sar fl-1916, il-Banda San Ġużepp flimkien ma' baned oħrajn ħadet sehem f'dan il-marċ tar-rebħa mill-Furjana sal-Palazz. Dakinhar wkoll, biex tkompli ma' dawn iċ-ċelebrazzjonijiet, il-banda San Ġużepp għamlet programm ħdejn il-knisja ta' San Gejtanu.

## Il-Presidenza tas-Soċjetà

Fl-ewwel parti ta' din l-istorja tkellimna dwar is-Sur Temi Conti bħala l-ewwel President tas-Soċjetà Muzikali San Ġużepp u trattajna wkoll, fost presidenti oħra, dwar is-Sur Anacleto Conti. Tal-ewwel mexxa lis-Soċjetà mill-1889 sal-1896 waqt li s-Sur Anacleto Conti kien president bejn l-1901 u l-1904. Warajh reġa' laħaq president is-Sur Temi Conti li baqa' jmexxi s-Soċjetà sas-sena 1925 meta dehrlu li saħħtu u l-età ma kinux qed jgħinuh aktar għat-tmexxija.



*L-Avukat Nikola Delia L.L.D. 1925 - 1933*

Il-presidenza għaddiet għand l-Avukat Nikol Delia li kien l-ewwel president professjonista tas-Soċjetà. L-Avukat Delia kien mis-Siggiewi u beda jipprattika l-professjoni tiegħu fil-Ħamrun fejn sar midħla tas-Soċjetà San Ġużepp. Ta' temperament mill-aktar soċjevoli, l-Avukat Delia kien jifhem sew kemm fl-amministrazzjoni tal-banda kif ukoll fl-esekuzzjoni tagħha.

Fl-1926 l-Avukat Delia ħareġ kandidat mal-Partit Nazzjonalista u ġie elett mill-ewwel mid-distrett tas-Siggiewi. Permezz tal-kuntatti li kellu ma' personalitajiet fi bliet ta' Sqallija, fi żmienu bdew il-mawriet tal-banda San Ġużepp fi Sqallija. Dawn bdew taħt is-Surmast Antonio Miruzzi fl-1925 sal-1933 meta l-banda kienet tinsab taħt il-bakketta ta' Maestro Willie Attard.

L-Avukat Delia kien inkoraggixxa lis-Surmast Willie Attard biex iwaqqaf fi ħdan is-Soċjetà orkestra sinfonika bħala fergħa oħra tal-mużika minbarra l-banda. L-Avukat Delia kien insista dwar uniformi ġdida tas-sajf għall-bandisti, strumentatura ġdida normali u ħadem u stinka fit-tibdil strutturali fil-kazin li biddlet il-ġnien f'terrazzin b'paviment sabiħ. Il-presidenza tal-Avukat Delia damet sal-1933. Huwa miet seba' snin wara lejn il-bidu tat-tieni gwerra.

Wara l-Avukat Delia laħaq president tas-Soċjetà Mużikali San Ġużepp il-Prokoratur Legali Philip Azzopardi. Huwa twieled Ħal Balzan fl-1889. Wara li ħa l-lawrija, iżżewweġ u ġie joqgħod il-Ħamrun. Il-Prokoratur Legali Azzopardi ssieħeb mas-Soċjetà Mużikali San Ġużepp fl-1920 u mill-ewwel ġie elett membru tal-Kumitat. Sa ma laħaq president, huwa serva f'diversi karigi fosthom dik ta' segretarju u viċi-president.

Il-qagħda finanzjarja tas-Soċjetà kienet tinsab fi stat tajjeb ħafna waqt li anki l-banda kienet għaddejja minn żmien mill-isbaħ. Din il-qagħda heġġitu biex jagħmel xi tibdil strutturali u fl-1935 ħareġ l-offerti għall-bini ta' tinda tal-ħadid biex tgħatti l-bitha, l-istess bitha li wara kienet mgħottija bil-ħġieġ u serviet ta' sala kbira.

Il-President Azzopardi kompla fuq ta' qablu f'dawk li huma servizzi barra minn Malta iżda minn dawn wieħed biss irnexxielu jagħmel, dak fl-ewwel sena li laħaq President. Dan għaliex il-qagħda fil-Mediterran xejn ma kienet sabiħa b'Mussolini jaħseb biex jibni imperu Taljan u

l-Kumitat kien tal-fehma li qabel ma tiċċara l-qagħda fil-Mediterran, il-Banda ma toħroġx mill-Gżejjer Maltin. Ta' min jgħid li meta kien bħala viċi-president il-Prokuratur Legali Azzopardi dejjem akkumpanja l-Banda f'dawn il-mawriet li għamlet fi Sqallija. F'dan l-aħħar servizz il-Banda San Ġużepp wettqet programm mużikali fil-Giardino di Acireale fejn is-Sindku ppreżenta lill-President Azzopardi bandalora għan-nom tal-Comune di Acireale u tad-Direzzjoni tal-Festi.

Il-President Philip Azzopardi għamel tnax-il sena fil-kariga. Fit-18 ta' Settembru, 1939 huwa mexxa lis-Soċjetà fil-Ġublew tad-Deheb tagħha. Ftit xhur wara faqqgħet it-tieni gwerra dinjija u l-attivitajiet bandistici ġew fix-xejn minn meta f'Ġunju tal-1940 l-Italja daħlet fil-gwerra kontra Malta.


*Il-Prokuratur Legali Philip Azzopardi 1933 -1945*

Il-Prokoratur Legali Philip Azzopardi miet fl-1945 ftit xhur wara li ntemmet il-gwerra u meta l-attivitajiet tas-Soċjetà bdew jirritornaw għan-normal.

## Is-Surmast Willie Attard

Fuq parir ta' Mro Antonio Miruzzi li kien beda jħoss l-għejja, f'Ottubru tal-1928, il-Kumitat ħatar lill-Maestro Willie Attard bħala Surmast Direttur tal-Banda. Huwa kien ilu madwar erba' snin assistent ta' Antonio Miruzzi.

Imwieled il-Ħamrun fl-1901, Willie Attard beda jitgħallem il-klarinett meta kellu seba' snin taħt Mro Antonio Miruzzi. Aktar tard tgħallem is-saxaphone li eventwalment sar professur tiegħu. Wara li spiċċa mill-militar fl-1919 huwa kompla bl-istudji tiegħu fil-mużika għand diversi surmastrijiet. Huwa kiseb ċertifikat minn "The Association Board of the Royal Academy of Music" u ċertifikat ta' *First Grade* mir-"Royal College of Music" ta' Londra.


*Mro Willie Attard*
*1928 - 1958*

Meta kien għadu assistent ta' Antonio Miruzzi, fl-1926 Willie Attard waqqaf l-Orchestra Unione li tagħha kien direttur. L-għan ewlieni tal-orkestra kien li tinħoloq attrazzjoni mużikali oħra ma' dik bandistika li tkun aktar armonjuża u melodjuża. L-orkestra kienet isservi ta' sfog għal dawk l-istrumentalisti tal-korda u għal xi bandisti oħrajn tar-ram jew tal-għuda li l-uniku sfog tagħhom kien li jdoqqu l-mużika. L-orkestra tellgħet diversi programmi fil-Każin u anke fuq palk ħdejn il-knisja parrokkjali fosthom wieħed għal Ħadd il-Għid. Iżda l-ħajja ta' din l-orkestra kellha tiġi fit-tmiem tagħha fl-1933. Is-Surmast Willie Attard minħabba l-fama tiegħu ġie maħtur Surmast Direttur ta' żewġ baned oħra u għalhekk ma setax ilaħħaq mal-impenji kollha. Fl-istess ħin xi mużiċisti bdew jagħtu xi servizz fil-knejjes u għalhekk il-Kumitat ħass li kellu jxolji l-orkestra.

Taħt it-tmexxija ta' Mro Willie Attard il-Banda San Ġużepp kompliet miexja 'l quddiem u kisbet suċċessi kbar kull fejn marret issemma leħenha kemm f'Malta kif ukoll fi Sqallija. Is-Surmast Attard kien magħruf għat-tagħlim melodiku tiegħu, għad-direzzjoni ħelwa u għall-kompożizzjonijiet tiegħu. Fost il-kompożizzjonijiet insibu fantasia melodica "Cuor di Artista" li ġiet diplomata u mogħtija salib tad-deheb f'konkors mużikali internazzjonali f'Napli. Fost kompożizzjonijiet oħra ta' min isemmi erba' innijiet f'forma ta' cantata għall-banda bil-vuċijiet; "A Maria Vergine" għall-Banda La Vittoria tal-Mellieħa; "A Marija Vergine del Soccorso" u "A Santa Marija" it-tnejn għal Għawdex u "A San Giuseppe" għall-Banda San Ġużepp Ħamrun.

Kompożizzjoni oħra ta' Mro Willie Attard kienet dik tal-1953 "Scherzo Sinfonico Queen Elizabeth" li nkitbet għall-inkurunazzjoni tar-Reġina Elizabetta. Wieħed ma jistax ma jsemmix ukoll l-għadd ta'

marċi li kkompona Mro Wilie Attard fosthom "Il-Famuża Koppla" fl-inawgurazzjoni tal-koppla tal-knisja ta' San Gejtanu fl-1956 u l-Innu Marċ San Gejtanu miktub fl-1947 fl-okkażjoni tar-raba' ċentinarju mill-mewt ta' San Gejtanu.

Waqt li konna qed nitkellmu dwar l-Orchestra Unione semmejna li Mro Willie Attard kien laħaq Surmast Direttur ta' żewġ baned oħra. Dawn kienu l-Banda de Rohan ta' Ħaż-Żebbuġ fl-1932 u sena wara l-Banda La Vittoria tal-Mellieħa. Ma' dawn wieħed iżid il-Banda Leone tar-Rabat Għawdex li Mro Attard ħa t-tmexxija tagħha fl-1945.

Maestro Willie Attard kompla kabbar ir-reputazzjoni tiegħu meta kull sena, wara l-1945 sal-1958 meta rtira, kien itella` kunċert vokali u strumentali fis-sala tal-każin.

***L-istorja tas-Soċjetà Mużikali San Ġużepp titkompla s-sena d-dieħla.***

Jekk int interessat
jew tixtieq li uliedek
jibdew jitgħallmu
xi strument mużikali
kellem lis-Segretarju Ġenerali.